**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Frar, 2019**

**Rikors nru: 171/16 AGV**

AB f'isimha proprio u bhala kuratrici *ad litem* ta'bintha minuri CB u dan permezz ta' digriet datat 27 ta' Lulju, 2016.

vs

DE u Direttur tar-Registru Pubbliku u permezz ta'digriet datat 1 ta' Marzu, 2018 l-istess Direttur gie estromess mill-atti tal-kawza.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-27 ta' Lulju, 2016 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali skond l-inkartament anness.
2. Illi fis-6 ta' Novembru, 2015 lill-attrici twelditilha tifla bl-isem C, hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok.PS2.
3. Illi skond l-istess certifikat tat-twelid Dok.PS2 it-tifla C giet inskritta bhala wild l-attrici u ta' missier mhux maghruf (unknown father).
4. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-konvenut DE huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri C, in kwantu koncepita minnu mir-relazzjoni li l-istess konvenut kellu mal-attrici omm l-istess minuri.
5. Illi skond il-ligi l-konvenut bhala missier il-minuri C ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skond il-mezzi tieghu, l-istess minuri.
6. Illi l-konvenut mhux qed ihallas manteniment ghall-istess minuri.
7. Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex jirrikonoxxi lill-bintu u jhallas manteniment baqa' inadempjenti.
8. Illi ghalhekk kellu jigi intavolat dan ir-rikors guramentat.

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna u ghar-ragunjiet fuq imsemmija li:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut DE huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri C;

2. Konsegwentement tordna li l-Att tat-Twelid tal-istess tifla minuri C Dok.PS2 jigi korrett fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem "Missier mhux maghruf" jew "Unknown Father" u sostitwiti bil-kliem "DE" u jigu inseriti fil-kolonni rispettivi l-partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-istess DE.
3. Tiddikjara ukoll illi l-konvenut DE bhala missier il-minuri C ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, l-istess minuri tieghu u dana b'effett mid-data tat-twelid taghha.
4. Tillikwida jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut DE lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri C inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li tistabilixxi ukoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas il-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat l-istess manteniment.
5. Tordna u tikkundanna lill-konvenut DE sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedent bil-modalitajiet u termini hekk kif stabbiliti inkluzi ukoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u tordna illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga jew dhul jew assistenza socjali tal-konvenut DE.
6. Tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri C tigi fdata eskluzzivament lir-rikorrenti salv access favur il-konvenut E.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-12 ta' Ottubru, 2016, li pero' b'digriet tal-1 ta'Marzu, 2018, id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie estromess mill-kawza.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' DE li eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi

(a) It-tifla mertu ta'din il-kawza mhix it-tifla tieghu kif jigi ppruvat waqt din il-kawza. Huwa lill-attrici kull ma raha f'hajtu huwa ghal darba wahda biss u ghal mhux aktar minn saghtejn u ma jistax ikun li din it-tifla hija tieghu.

(b) Illi kuntrarjament ghal dak li qed tallega l-attrici, l-esponenti qatt ma gie nterpellat biex jirrikonoxxi t-tarbija.

(c) Li inoltre u bla pregudizzju ghal premess, anke jekk jirrizulta li huwa l-missier naturali tat-tifla, l-hames u s-sitt talba ghandhom jigu michuda stante illi t-talbiet jistghu jsiru biss permezz tal-procedura tal-medjazzjoni u dan kif inhu tassativament rikjest mil-ligi.

(d) Li ghalhekk anke dawk ix-xhieda li resqet l-attrici dwar l-assi tal-partijiet ma ghandhomx x'jaqsmu xejn ma' din il-kawza u ma ghandhomx jithallew jixhdu f'dawn il-proceduri stante illi din il-kawza ta' paternita' u mhux ta' manteniment.

Salv risposti ulterjuri.
Bl-ispejjez.

Rat ix-xhieda, l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza in parte datata 25 ta' Mejju, 2017 fuq l-ewwel zewg talbiet.

Rat li kellha ssehh medjazzjoni ghar-rigward tat-tielet sas-sitt talba.

Rat id digriet fil-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru, 2017, fejn gie stabbilit manteniment ghall-minuri fl-ammont ta' mija w hamsin Ewro (€150) fix-xahar, pagabbli minn DE, b'effett minn dik id-data.

**FATTI**

Mill-atti tal-kawza rrizulta li kienet qed tinzamm il-medjazzjoni u kien hemm tentattivi biex jintlahaq ftehim rigward il-manteniment, kif ukoll rigward l-access. Madanakollu, l-partijiet qatt ma pprezentaw xi abbozz jew xi tip ta' ftehim li setghu lahqu bejniethom, minkejja li dejjem tennew hekk, izda baqghu ma pprezentaw xejn in atti, sakemm dina l-Qorti kellha tghaddi ghas-sentenza.

Jirrizulta biss li kien hemm ftehim skond il-verbal tat-23 ta' Novembru, 2017, li l-konvenut bhala missier naturali u biologiku tal-minuri C kellu jhallas is-somma ta' €150 fix-xahar bhala manteniment ghal istess minuri, liema ammont kellu jigi riveduti kemm il-darba jirrizulta li kien hemm tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tal-konvenut.

In effetti, aktar minn hekk ma ngabux provi u lanqas l-abboz ta' ftehim li jsemmu l-partijiet. Ghalhekk din il-Qorti se jkollha tiddependi fuq id-decizjoni taghha a bazi ta' dawk il-provi limitati li ghandha quddiemha.

IKKUNSIDRAT

**MANTENIMENT**

L-artikolu 3 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

***"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu hekk jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

**<u>DECIDE</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' it-tielet talba u tiddikjara li DE, bhala l-missier naturali tal-minuri C, ghandu l-obbligu li jmantniha sa mid-data tat-twelid taghha;

2. Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-konvenut ihallas manteniment lill-minuri C fis-somma ta' €150 fix-xahar, hekk kif originarjament miftiehma bejn il-partijiet waqt il-medjazzjoni, liema ammont ghandu jinqata' direttament mill-paga tal-konvenut jew minn beneficcji socjali li jkun qed jircievi, flimkien mal-ammont ta' arretrati mid-data tat-twelid tal-istess minuri u cioe' fis-6 ta' Novembru, 2015.

   L-ammont ta' manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja;

3. Tilqa’ l-hames talba, li in parte diga’ giet deciza fit-talba numru 2 hawn fuq;

4. Tilqa’ is-sitt talba u takkorda lill-attrici l-kura u kustodja eskluzziva tal-minuri C, b’dan li l-missier jista’ jezercita l-access kull nhar ta’ Tlieta u Hamis bejn l-4.00 pm u s-6.00 pm sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod iehor.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut DE.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**